



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0281 (NLE)

13452/23

LIMITE

PECHE 383

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħat tal-Partijiet għall-Ftehim għall-prevenzjoni tas-sajd mhux regolat fl-ibħra miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2020/1582

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-laqgħat tal-Partijiet għall-Ftehim għall-prevenzjoni tas-sajd
mhux regolat fl-ibħra miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali
u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2020/1582**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim għall-prevenzjoni tas-sajd mhux regolat fl-ibħra miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali¹ (il-"Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/407². Il-Ftehim daħal fis-seħħ fil-25 ta' Ġunju 2021.
- (2) Il-laqgħa tal-Partijiet hi responsabbli mill-adozzjoni tal-miżuri mfassla biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-Ftehim sabiex jintlaħaq l-objettiv tal-prevenzjoni tas-sajd mhux regolat fil-parti tal-ibħra miftuħa tal-Oċean Artiku Ċentrali permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri prekawzjonarji ta' konservazzjoni u ġestjoni bħala parti minn strateġija fit-tul għas-salvagwardja tal-ekosistemi marini b'saħħithom u għall-iżgurar tal-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut. Tali miżuri jistgħu jsiru vinkolanti għall-Unjoni.

¹ ĠU L 73, 15.3.2019, p. 3.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/407 tal-4 ta' Marzu 2019 dwar il-Konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali (ĠU L 73, 15.3.2019, p. 1).

- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jipprevedi li l-Unjoni għandha tiżgura li l-attivitàjiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u li jkunu ġestiti b'mod li huwa konsistenti mal-oġġettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjieġ, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel. Jipprevedi wkoll li l-Unjoni għandha tapplika l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandha tfittex li tiżgura li l-isfruttar ta' riżorsi bijoloġiċi marini ħajjin jirrestawra l-popolazzjoni ta' speċijiet mistada u jżommhom oġġla mil-livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Jipprevedi wkoll li l-Unjoni tiegħu miżuri ta' ġestjoni u ta' konservazzjoni bbażati fuq l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, tappoġġa l-iżvilupp ta' għarfien u pariri xjentifiċi, gradwalment telimina l-iskartar u tippromwovi metodi tas-sajd li jikkontribwixxu għal sajd aktar selettiv u l-evitar u t-tnaqqis, kemm jista' jkun, ta' qabdiet mhux mixtieqa, u trażżan l-impatt tas-sajd fuq l-ekosistema marina u r-riżorsi tas-sajd. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 speċifikament jipprevedi li daww l-oġġettivi u l-prinċipji għandhom jiġu applikati mill-Unjoni fit-twettiq tar-relazzjonijiet tas-sajd esterni tagħha.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

- (4) F'konformità mal-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna”, “Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima” u “Strateġija mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent”, huwa essenzjali li tiġi protetta n-natura u titreġġa' lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi. It-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità ma jridux jippreġudikaw id-disponibbiltà tal-oġġetti u s-servizzi li ekosistemi marini f'saħħithom jipprovdu lis-sajjieda, lill-komunitajiet kostali u lill-umanità inġenerali.
- (5) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari” tirreferi għal miżuri speċifiċi biex jitnaqqas il-plastiks u t-tniġġis tal-baħar kif ukoll it-telf jew l-abbandun tal-irkaptu tas-sajd fil-baħar. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “Il-Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE: “Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija” timmira li tnaqqas 50 % tal-iskart tal-plastik fil-baħar u 30 % tal-mikroplastiċi rilaxxati fl-ambjent.

- (6) Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli” tenfasizza l-importanza tal-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-bijodiversità marini taħt l-azzjoni esterna tal-Unjoni. L-Unjoni hija l-aktar attur prominenti fl-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) u fil-korpi tas-sajd madwar id-dinja. Hemmhekk, l-Unjoni tippromwovi s-sostenibbiltà tal-istokkijiet tal-ħut, tippromwovi t-teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti abbażi ta' parir xjentifiku sod, ittejjeb ir-riċerka xjentifika, u ssaħħaħ il-konformità.

- (7) Kif iddikjarat mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea fil-Komunikazzjoni Konġunta “Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli”, mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dik il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani li tkopri dik il-Komunikazzjoni Konġunta msemmija, u l-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea “Impenn aktar b'saħħtu tal-UE għal Artiku paċifiku, sostenibbli u prosperu”, l-Unjoni hija impenjata għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim peress li jipproteġi l-ekosistemi marini billi japplika approċċ prekawzjonarju u bbażat fuq ix-xjenza għal kwalunkwe sajd futur fl-Oċean Artiku Ċentrali.

- (8) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Partijiet fil-Ftehim għall-perjodu 2024-2028, peress li l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni skont il-Ftehim ser ikunu vinkolanti fuq l-Unjoni u kapaċi jinfluwenzaw deċiżament il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni, jiġifieri, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008¹ u (KE) Nru 1224/2009², u r-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komunitas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

³ Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

- (9) Bħalissa l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Partijiet tal-Ftehim hija stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1582¹. Huwa xieraq li dik id-Deċiżjoni titħassar u li tiġi sostitwitab' Deċiżjoni ġdida li tkun tkopri l-perjodu 2024-2028.
- (10) Fid-dawl tal-għarfien limitat dwar ir-riżorsi tas-sajd fiż-żona ġeografika koperta mill-Ftehim u n-natura tagħhom, u l-ħtieġa konsegwenti li l-pożizzjoni tal-Unjoni tqis l-iżviluppi l-ġodda, inkluż informazzjoni xjentifika ġdida u informazzjoni rilevanti oħra preżentata qabel jew matul il-laqgħat tal-Partijiet, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri għall-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni għall-perjodu 2024-2028, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni mnaqqax fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
- (11) Din id-Deċiżjoni tista' tiġi segwita, fi stadju aktar tard, b'Deċiżjoni tal-Kunsill separata ulterjuri dwar il-ftuħ tan-negożjati biex tiġi stabbilita organizzazzjoni waħda jew aktar, jew arranġament wieħed jew aktar, reġjonali jew subreġjonali għall-ġestjoni tas-sajd fl-ibħra miftuħa tal-Artiku,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1582 tat-23 ta' Ottubru 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħat tal-Partijiet fil-Ftehim għall-prevenzjoni tas-sajd mhux regolat fl-ibħra miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali (ĠU L 362, 30.10.2020, p. 20).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Partijiet għall-Ftehim għall-prevenzjoni tas-sajd mhux regolat fl-ibħra miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali (il-“Ftehim”) hija stipulata fl-Anness I.

Artikolu 2

L-ispeċifikazzjoni minn sena għall-oħra tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-laqgħat tal-Partijiet għall-Ftehim għandha ssir f'konformità mal-Anness II.

Artikolu 3

Il-pożizzjoni tal-Unjoni stabbilita fl-Anness I għandha tiġi vvalutata u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta tal-Kummissjoni, mhux aktar tard għal-laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim fl-2029.

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1582 hija b'dan imħassra.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX I

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni
fil-laqgħat tal-Partijiet għall-Ftehim għall-prevenzjoni tas-sajd mhux regolat
fl-ibħra miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali

1. PRINĊIPJI

Fil-qafas tal-laqgħat tal-Partijiet fil-Ftehim, l-Unjoni għandha:

- (a) tiżgura li l-miżuri adottati fl-ambitu tal-Ftehim ikunu konsistenti mad-dritt internazzjonali, u partikolarment mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1982 fuq id-Dritt Marittimu, tal-Ftehim tal-1995 tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Tranzonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna, tal-Ftehim tal-FAO tal-1993 li jippromwovi l-osservanza tal-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u maniġġjar minn bastimenti tas-sajd fl-ibħra internazzjonali, u tal-Ftehim tal-FAO tal-2009 dwar Miżuri tal-Istat Portwarju;
- (b) tippromwovi l-objettivi tal-Ftehim skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika marini lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali u fil-15-il Konferenza tal-Partijiet fil-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, b'mod partikolari fiż-żieda fil-protezzjoni tal-bijodiversità marina u l-protezzjoni ta' 30 % tal-oċean tad-dinja permezz ta' żoni marini protetti;

- (c) tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2020 dwar il-Bijodiversità – il-ħtieġa għal azzjoni urġenti, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2021 dwar Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, partikolarment dwar il-protezzjoni tan-natura, u mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2020 dwar l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt", u Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja;
- (d) taġixxi f'konformità mal-objettivi u l-prinċipji segwiti mill-Unjoni fi ħdan il-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd, notevolment permezz tal-approċċ prekawzjonarju u l-miri relatati mar-rendiment massimu sostenibbli kif stipulat fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, biex tkun promossa l-implimentazzjoni ta' approċċ abbażi tal-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd, biex kemm jista' jkun jiġu evitati jew jitnaqqsu qabdiet mhux mixtieqa, u jiġi eliminat gradwalment il-qbid skartat, u biex jiġi minimizzat l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistemi marini u l-abitati tagħhom, kif ukoll, permezz tal-promozzjoni ta' sajd ekonomikament vijabbli u kompetittiv tal-Unjoni, biex ikun provdut livell tal-għajxien ġust għal dawk li jiddependu minn attivitajiet relatati mas-sajd u jitqiesu l-interessi tal-konsumaturi;
- (e) tkun konformi mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2012 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-politika komuni tas-sajd;
- (f) tkun konformi mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2022 dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani għal oċeani u staġuni sikuri, siguri, nodfa, f'saħħithom u ġestiti b'mod sostenibbli fir-rigward tal-konservazzjoni tal-bijodiversità tal-baħar;

- (g) tikkonforma mal-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea dwar Impenn aktar b'saħħtu tal-UE għal Artiku paċifiku, sostenibbli u prosperu;
- (h) tiżgura li l-impenji internazzjonali tal-Unjoni jiġu rispettati u ssodisfati;
- (i) taħdem favur involviment xieraq tal-partijiet konċernati, inkluż l-organizzazzjonijiet, il-korpi u l-programmi xjentifiċi u tekniċi rilevanti, kif ukoll l-għarfien indiġenu u tradizzjonali, fil-fażi tal-preparazzjoni għall-miżuri meqjusa fil-laqgħat tal-Partijiet, inkluż il-laqgħat tal-esperti xjentifiċi skont il-Ftehim, u tiżgura li dawn il-miżuri jkunu skont l-oġettivi tal-Ftehim;
- (j) tippromwovi pożizzjonijiet konsistenti mal-aħjar prattiki għall-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) fl-istess żona;
- (k) tara li jkun hemm konsistenza u sinerġija mal-politika li l-Unjoni qed issegwi bħala parti mir-relazzjonijiet bilaterali tagħha tas-sajd ma' pajjiżi terzi, u tiżgura l-koerenza mal-politiki l-oħrajn tagħha notevolment fl-oqsma tar-relazzjonijiet esterni, l-impjiegi, l-ambjent, il-kummerċ, l-iżvilupp, l-impjiegi, ir-riċerka u l-innovazzjoni;
- (l) timmira li toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-flotta tal-Unjoni fiż-żona tal-Ftehim abbażi tal-istess prinċipji u standards bħal dawk applikabbli skont il-liġi tal-Unjoni, u li tippromwovi l-implimentazzjoni uniformi ta' dawk il-prinċipji u l-istandards;

- (m) fejn xieraq, tippromwovi l-koordinazzjoni bejn il-Ftehim u RFMOs eżistenti u konvenzjonijiet dwar ibħra reġjonali (RSCs), partikolarment il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC), il-Konvenzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent marin tal-Atlantiku tal-Grigal (il-“Konvenzjoni OSPAR”), li hija RSC għall-Atlantiku tal-Grigal u kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet globali, kif applikabbli, skont il-mandati tagħhom;
- (n) tappoġġa attivament l-implimentazzjoni tal-Ftehim, inkluż permezz ta' kontribut favur il-Programm Konġunt ta' Riċerka Xjentifika u Monitoraġġ bl-għan li jittejjeb il-fehim kollettiv tal-Partijiet dwar l-ekosistemi fl-Ibħra Miftuħa tal-Oċean Artiku Ċentrali u, partikolarment, li jiġi ddeterminat jekk jistgħux jeżistu stokkijiet ta' ħut, issa jew fil-futur, li jistgħu jiġu mistada fuq bażi sostenibbli u l-impatti possibbli ta' dan is-sajd fuq l-ekosistemi;
- (o) tiżgura l-kompatibbiltà bejn il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni stabbiliti għall-istess stokkijiet fl-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni nazzjonali u l-miżuri adottati fir-rigward tal-ibħra miftuħa f'konformità mal-Artikolu 118 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Liġi tal-Baħar u l-Artikolu 8 tal-Ftehim fuq l-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni ta' Ħażniet ta' Ħut li jpassi f'Żona Limitata u Ħażniet ta' Ħut li jpassi ħafna;
- (p) tiżgura konsistenza mal-interess tal-Unjoni fl-Artiku bħala reġjun ta' importanza strateġika li dejjem qed tikber.

2. ORJENTAZZJONIJIET

Fejn xieraq, l-Unjoni għandha tfittex li tappoġġa l-adozzjoni mill-Ftehim tal-azzjonijiet li ġejjin:

- (a) miżuri li jippromwovu l-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità, u li jippromwovu s-sostenibbiltà tal-istokkijiet, u l-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet tat-tibdil fil-klima fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;
- (b) miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għar-riżorsi tas-sajd fiż-Żona tal-Ftehim abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli, inkluż il-qabdiet totali permissibbli u l-kwoti jew ir-regolamentazzjoni tal-isforz fis-sajd li jistad riżorsi bijoloġiċi marini ħajjin regolati mill-Ftehim, li jiksbu r-rendiment massimu sostenibbli. Fejn meħtieġ, dawk il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għandhom jinkludu miżuri speċifiċi għall-istokkijiet li huma soġġetti għal sajd żejjed biex l-isforz tas-sajd jinżamm konformi mal-opportunitajiet ta' sajd disponibbli;
- (c) miżuri li jippromwovu l-ġbir tad-data, ir-riċerka xjentifika u d-deċiżjonijiet ta' ġestjoni abbażi tax-xjenza, it-tisħiħ tal-kumitat tal-konformità tagħha, kultura ta' konformità u rieżamijiet perjodiċi indipendenti tal-prestazzjoni;

- (d) miżuri għall-prevenzjoni, id-deterrent u l-eliminazzjoni ta' attivitajiet ta' sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat (IUU) fiż-Żona tal-Ftehim, inkluż l-elenkar tal-bastimenti IUU u l-elenkar komuni ma' RFMOs oħra, u miżuri li jipromwovu t-traċċabbiltà tal-ħut u tal-prodotti tas-sajd abbażi tal-Linji Gwida Volontarji għall-Iskemi ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid;
- (e) miżuri ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza fiż-Żona tal-Ftehim sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza tal-kontroll u l-konformità mal-miżuri adottati fi ħdan il-Ftehim inkluż it-tiżiħ tal-kontroll fuq l-operazzjonijiet tat-trażbord abbażi tal-Linji Gwida Volontarji tal-FAO dwar it-Trażbord;
- (f) miżuri biex jiġi minimizzat l-impatt negattiv tal-attivitajiet tas-sajd fuq il-bijodiversità u l-ekosistemi marini u l-abitati tagħhom, inkluż miżuri protettivi għal ekosistemi marini vulnerabbli fiż-Żona tal-Ftehim bi qbil mal-Ftehim u l-Linji Gwida Internazzjonali tal-FAO għall-Ġestjoni tas-Sajd fl-Ibħra Fondi fil-Baħar Miftuħ, miżuri biex jiġi evitat u jitnaqqas kemm jista' jkun il-qbid mhux mixtieq, inkluż partikolarment l-ispeċijiet marini vulnerabbli, u biex gradwalment jiġi eliminat il-qbid skartat;
- (g) miżuri biex jitnaqqas it-tniġġis tal-baħar u jiġi prevenut l-iskariku tal-plastik fil-baħar u jitnaqqas l-impatt tal-plastik fil-baħar fuq il-bijodiversità u l-ekosistemi marini, inkluż miżuri biex jitnaqqas l-impatt ta' Rkaptu tas-Sajd Abbandunat, Mitluf jew Skartat Mod Ieħor fl-oċean u biex jiġu ffaċilitati l-identifikazzjoni u l-irkupru ta' tali rkaptu filwaqt li jitqiesu l-Linji Gwida Volontarji tal-FAO dwar il-Markar tal-Irkaptu tas-Sajd, u miżuri relatati deċiżi skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-IMO kontra l-iskart tal-plastik;

- (h) miżuri mmirati lejn il-projbizzjoni tas-sajd imwettaq biss bl-iskop tas-sajd għall-pinen tal-klieb il-baħar u li jirrikjedu li l-klieb il-baħar kollha jitħattew l-art bil-pinen kollha mwaħħla kif tipprovdi n-natura;
- (i) rakkomandazzjonijiet, fejn xieraq u sa fejn hu permess skont id-dokumenti kostitwenti rilevanti, li jħeġġu l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol;
- (j) approċċi komuni ma' RFMOs oħrajn, fejn xieraq, partikolarment dawk involuti fil-ġestjoni tas-sajd fl-istess reġjun;
- (k) miżuri tekniċi addizzjonali abbażi tal-pariri mill-korpi sussidjarji u mill-gruppi ta' ħidma tal-Ftehim;
- (l) miżuri konsistenti mal-obiettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel.

ANNEX II

Speċifikazzjoni sena b'sena tal-pożizzjoni
li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Partijiet għall-Ftehim għall-prevenzjoni
tas-sajd mhux regolat fl-ibħra miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali

Qabel kull laqgħa tal-Partijiet fil-Ftehim, meta dak il-korp jintalab jadotta deċiżjonijiet li jkollhom
effetti ġuridiċi fuq l-Unjoni, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex il-pożizzjoni li għandha tiġi
espressa f'isem l-Unjoni tqis l-aktar informazzjoni xjentifika reċenti u informazzjoni rilevanti oħra
trażmessa lill-Kummissjoni, f'konformità mal-prinċipji u l-orjentazzjonijiet stabbiliti fl-Anness I.

Konsegwentement u abbażi ta' dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tittrażmetti lill-Kunsill,
fi żmien suffiċjenti qabel kull laqgħa tal-Partijiet fil-Ftehim, dokument bil-miktub li jagħti d-dettalji
tal-ispeċifikazzjoni proposta tal-pożizzjoni tal-Unjoni għal diskussjoni u approvazzjoni tad-dettalji
tal-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni.

Jekk matul laqgħa tal-Partijiet fil-Ftehim ikun impossibbli li jintlaħaq qbil, inkluż fuq il-post, il-
kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu sabiex il-pożizzjoni tal-
Unjoni tqis l-elementi l-ġodda.
